MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 835/2012

**Ali Abdussalam Abdelsamad fil-kwalita' tieghu ta' segretarju generali tal-Great Alfatih (69) Birth Association**
**vs**
**BH International Limited (C 29146)**
**Adel Ashur (Passaport nru 244116)**
**Charlo Briffa (ID. 470674(M))**
**Venture Services Limited (C 25224)**
**u Asia Investments and Assets Limited, u**

**Kuraturi deputati biex jirraprezentaw lis-socjeta' assenti Asia Investments and Assets Limited (154018) u b'digriet tal-Qorti tal-14 ta' Novembru, 2012 gew nominati Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Peter Sammut bhala kuraturi deputati minflok l-assenti Asia Investments and Assets Limited Kuraturi deputati fuq indikati estromessi permezz ta' digriet tal-31 ta' Mejju 2013.**

Il-Qorti ;

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti tat-22 t'Awwissu 2012 li jaqra hekk:

*1. "Illi l-attur iffirma kuntratt mas-socjeta' konvenuta BH International Limited (C 29146) fl-20 t'Awwissu 2008 fejn din obbligat ruhha li tipprovdi 16,000 vettura tat-tip Grand Hyland 4G64 Luxury Model 2009 skont l-ispecifications imsemmija fl-istess kuntratt. Kopja tal-kuntratt qed jigi esibit bhala Dok. A.*

*2. Illi minn dawn il-vettura gew ikkonsenjati biss 5,250 u dawn ma kienux tal-kwalita' patwita u fil-fatt gew rifjutati mill-ewwel mill-attur kif dahlu fid-dwana tal-Libja.*

*3. Illi ghalhekk hemm lok ta' likwidazzjoni ta' danni a tenur ta' 1-artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*4. Illi pero in oltre, hemm ukoll lok ta' "lifting of the corporate veil" minhabba illi l-azzjonisti u d-diretturi ta' 1-istess socjeta' agixxew b'malafede u frawdolentement b'mod partikolari meta heggew lill-kumpanija li ssupliet il-vetturi in kwistjoni sabiex ticcertifika 1-vetturi bhala ta' 1-istess tip bhal dawk ordnati meta fil-fatt ma kienux.*

*5. Illi l-azzjonisti tas-socjeta' konvenuta B H International Limited huma 1-konvenuti l-ohra hlief ghall-konvenut Adel Ashur illi pero kien delegat mill-istess BH International Limited sabiex jagixxi f'isimha rigwardanti l-kuntratt odjern.*

*Ghaldaqstant 1-esponent jitlob umilment Ii din 1-Onorabbli Qorti jogghobha:*

*i) Tiddikjara illi 1-vetturi kkonsenjati mis-socjeta' konvenuta BH International Limited lill-attur ma kienux tal-kwalita' patwita fil-kuntratt iffirmat minnhom fl-20 ta' Awissu 2008 u konsegwentement 1-istess socjeta' konvenuta ikkawzat danni lill-attur, u dan kif kontemplat fl-artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*ii) Tillikwida, konsegwentement, id-danni sofferti mill-attur.*

*iii) Tiddikjara li 1-konvenuti Adel Ashur, Charlo Briffa, Venture Services Limited u Asia Investments and Assets Limited abbuzaw mill-privilegg ta' responsabilita' limitata moghti mill-artikolu 67 tal-Kap.386 u konsegwentement tilfu 1-istess privilegg;*

*iii) Tiddikjara, konsegwentement illi Adel Ashur, Charlo Briffa, Venture Services Limited u Asia investments and Assets Limited kienu kompartecipi fl-imsemmi abbuz u bbenefikaw illecitament mill-istess, u li huma ghalhekk solidalment responsabbli ma' BH International Limited favur l-attur;*

*iv) Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti solidament bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi id-danni likwidati ai fini tat-tieni talba.*

*Bl-ispejjez inkluz dawk ta' mandat ta' sekwestru ippresentat kontestwalment u l-imghax u l-konvenuti ingunti in subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat illi l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill-intimati;

Rat ir-risposta mahlufa tal-kuraturi deputati Dr. Anthony Cuatjar u tal-PL Peter Sammut tal-21 ta' Novembru 2012 li taqra hekk:

*1. "Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxhielhom jikkomunikaw mas-socjeta' minnhom rapprezentata, u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdilhom kull informazzjoni li jista' ghandu dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mas-socjeta' Asia Investments and Assets Limited."*

Rat ir-risposta guramentata ta' BH International Limited (C 29146); Adel Ashur (Passaport Nru 244116) ; Charlo Briffa (ID. 470674(M); Venture Services Limited (C 25224) u l-istess Charlo' Briffa ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Asia Investments and Assets Limited (154018) tas-26 ta' Novembru 2012, illi taqra kif hekk:

*1. "Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attrici in kwantu l-proceduri de quo huma nulli ab inizio stante illi l-assocjazzjoni attrici hija inesistenti legalment peress illi giet xolta mil-Gvern Libjan u ma ghadiex tezisti, ghalhekk dina l-assocjazzjoni xolta ma jista' jkollha qatt 1-ebda kapacita' guridika sabiex tipprezenta dan l-Att. F'dan is-sens issir referenza ghall-Ittra Formali emessa mill-Ambaxxata Libjana f'Malta u ndirizzata lill-Ministeru ta' 1-Affarijiet Barranin ta' Malta (li giet formalment ezebita fl-Atti tar-Rikors ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet fuq premessi) li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. BH1;*

*2. Illi fit-tieni lok, ukoll in linea preliminari, bhala konsgewenza tal-fuq premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attrici in kwantu 1-proceduri de quo huma vizzjati fi frodi u rapprezentazzjoni ndebita stante illi Ali Abdussalam Abdelsamad ipprezenta ruhu b'mod abbuziv, illegali, fabbrikat u fraudolenti bhala rapprezentant legali ta' socjetà inezistenti;*

*3. Illi fit-tielet lok, ukoll in linea preliminari izda separatament ghal premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attrici in kwantu 1-proceduri de quo jirrizulta li huma nulli u/jew f'kull kaz annullabbli stante illi 1-persuna li ppresentat r-Rikors Gurmantat tal-attrici (cioe' 1-fuq imsemmi Ali Abdussalam Abdelsamad) ilu li spicca minn dina 1-kariga fl-assocjazzjoni attrici u ghalhekk ma ghandu ebda interess guridiku. Jirrizulta fil-fatt illi huwa wkoll ricerkat mill-Awtoritajiet Libici;*

*4. Illi fir-raba lok, ukoll in linea preliminari, it-talbiet attrici in kwantu rivolti fil-konfront tal-eccipjenti Adel Ashur;*

*Charlo' Briffa u Asia Investments and Assets Limited, ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn dawn l-eccipjenti u l-attrici u dan kif jirrizulta anke mill-istess dokumentazzjoni ezebita mar-Rikors Guramentat de quo li jirreferu biss u unikament ghal relazzjoni kontrattwali gja ezistenti bejn l-Assocjazzjoni (illum defunta) u l-eccipjenti BH International Limited;*

*5. Illi fil-hames lok, ukoll in linea preliminari, it-talbiet attrici in kwantu rivolti fil-konfront tal-eccipjenti **Venture Services Limited** huma manifestament u anke prima facie improponibbli u nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjeta' Venture Services Limited ma ghandha ebda drittijiet propjetarji fuq l-azzjonijiet ta' BH International Limited stante illi hija, del resto manifestament, taqdi l-funzjonijiet ta' trustee shareholder a tenur tal-Artikolu 43(3) tat-Trusts and Trustees Act (Cap. 331 tal-Ligijiet ta' Malta) kif debitament licenzjata mill-Awtorita' Maltija ghas-Servizzi Finanzjarji u ma hijiex ghalhekk il-beneficjarja tal-ishma de quo. Apparti dan f'kull kaz, l-ebda wahda mit-talbiet kif proposti l-ebda wahda mill-premessi fattwali w legali ma jinkwadraw f'dak rikjest mill-Ligi ghall-izvelar tal-beneficjarju ultimu tal-istess ishma;*

*6. Illi fis-sitt lok, ukoll in linea preliminari, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti kollha bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante intempestivita' tal-azzjoni odjerna – f'dan il-kuntest jigi sottomess illi l-esponenti qatt ma rciviet ebda interpellazzjoni qabel ma giet intavolata dina l-kawza sia'gudizzjarja sia' bonarja, u dan nonostante il-fatt illi f'Artikolu 9 tal-kuntratt in kwistjoni hemm miktub illi l-partijiet jistaw biss jirrikorru ghal Qrati f'kaz li huma ma jaslux ghal ftehim bejniethom b'mod bonarju;*

*7. Illi fis-seba' lok, ukoll in linea preliminari, l-ewwel u t-tieni t-talbiet attrici huma f'kull kaz preskritti a tenur ta' l-Artikolu 1407(1) tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet ta'Malta);*

*8. Illi fit-tmien lok, it-tielet u r-raba talbiet attrici ghandhom jigu respinti peress illi l-Artikolu 67 tal-Kap. 386*

*ma jaghtix espressament dan ir-rimedju li qedha llum titlob l-assocjazzjoni attrici, u in oltre jigi sottomess illi l-unici artikoli li jipprovdu ghat-tnehhija tal-corporate veil huma il-315 u 316 tal-Kap. 386, u dawn jistghu biss jigu mitluba fl-ewwel kaz meta l-kumpanija tkun qed tigi xolta u fit-tieni kaz meta l-kumpanija tkun gia' xolta. Li kieku l-Legislatur ried jaghti l-possibilita' ta' lifting of the corporate veil ghal kumpanija li ma waslitx ghal dan l-istat ta' xoljiment li tirrikjedi l-Ligi kienet tigi espress f'dawn iz-zewg Artikoli, u dan anke in vista tal-principju ubi lex voluit lex dixit;*

*9. Illi minghajr pregudizzju ghal-premess, fil-meritu, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attrici in kwantu ma kien hemm ebda ksur materjali tal-kundizzjonijiet kontrattwali kif malizzjozament allegat u dan kif jista' debitament jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Rat in-nota tad-9 t'April 2013;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet, tad-9 t'April 2013, dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-attur fil-kwalita' tieghu ta' Segretarju Generali ta' Great Alfatih (69) Birth Association;

Rat in-nota ta' sottomissjoni tal-intimati tat-3 ta' Mejju 2013;

Rat ir-rikors tal-attur tat-2 ta'Mejju 2013 , u n-nota tiehu tal-istess data bid-dokumenti Dok Z u Z1;

Rat in-nota responsiva ta' BH International Limited et tal-21 ta' Mejju 2013;

Rat id-digrieti precedenti ta'din il-Qorti;

Rat il-verbal tal-31 ta' Mejju 2013 illi bih il-partijiet qabblu u l-Qorti hekk ordnat illi xhieda u dokumenti ezebiti tar-rikors numru 981/2012 ghandhom japplikaw ghall-

proceduri fir-rikors numru 835/2012 u vice versa liema zewg proceduri qed jinstemghu kontestwalment;

Rat il-verbal tal-31 ta' Mejju 2013 illi permezz tieghu il-Qorti ordnat l-estromissjoni tal-kuraturi deputati mill-atti tal-kawza b'riserva tad-drittijiet taghhom ;

Rat id-diversi dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkonsidrat:**

Dan il-gudizzju jirrigwarda zewg eccezzjonijiet preliminari intavolati mill-initmati, u cioe':

1. Nullita' tal-proceduri stante li l-assoccjazzjoni attrici hija legalment inezistenti peress illi l-Gvern Libjan gie xolt;

2. Il-proceduri odjerni huma vizzjati bi frodi u rapprezentazzjoni indebita stante li l-attur Ali Abdussalam Abdelsamad qieghed jipprezenta ruhu b'mod illegali, bhala rapprezentat legali tas-socjeta' inezistenti..

**Ikkonsidrat:**

Illi mix-xhieda ta' James Farrugia (a fol 38 sa 40), Assistent Direttur fil-protocol fil-Ministeru tal-Affarjiet Barranin xhed illi skond il-konslu tal-Ambaxxata Libjana – Nagat Tarabelsi l-assoccjazzjoni Sons of Alfatah 69 rapprezentata mill-attur, ma ghandha ebda eziztenza legali jew gudizzjarja, in segwitu tal-waqgha tar-regime ta' Gaddafi. Zied jinghad li l-attur fil-fatt jinstab, "fil-*wanted list* tal-Gvern Libjan," u esebixxa Dok. JF1 (a fol 35).

L-Ambaxxatur Libjan f'Malta invoka il-privilegg diplomatiku u ghazel illi ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2012, l-attur xhed u ezebixxa Dok. AAA1 sa AAA4 u Dok AX, liema

dokumenti gew konsenjati lill-Minsteru tal-Affarijiet Barranin Malti u l-Ambaxxata Libjana ghall-verifiki tal-veracita' u awtenticita' taghhom.

L-attur xhed viva voce illi, ma setghax jaghti il-kariga specifika tieghu taht il-Gvern ta' Gaddafi pero kien reponsabbli "ghal xi haga" fl-ekonomija u xi finanzi, u kellu inkariku biex imexxi iz-zghazagh. L-attur ikkonferma li ma kellux indirizz fiss u kien wasal Malta minn Dubai. **L-attur xhed li minn mindu spicca il-Gvern ta' Gaddafi "ghadu qed jistenna mill-Gvern" (a fol 63).** L-attur xhed li ma kellux proprjeta' jew flus f' kontijiet bankarji f'Malta, u li l-kuntratt dwar il-karozzi inkwistjoni sar fl-20 t'Awwissu 2008. Il-konsenja tal-karozzi saret fis-sena 2009. L-attur xhed illi l-magni tal-karozzi konsenjati ma kienux dawk skond il-ftehim u kienu ta' potenza anqas minn dak mifthiem. Mitlub jghid meta saru l-ewwel lanjanzi l-attur iwiegeb biss li kien hemm erba' risposti fuq dawn il-karozzi u sahhansitra hu mar ic-Cina sabiex jaghmel il-verifiki. L-attur xhed illi ma kienx prezenti meta l-konsenja tal-karozzi wasslet fi Tripoli, u in segwitu tal-gwerra " **ma nafx fejn sparixxew dawn il-karozzi, bir-rispett kollu"(**a fol 68). Mal-konsenja tal-karozzi sal il-hlas, minn naha tal-bank Alwaha Bank .A fol 69, l-attur ikkonferma illi huwa kien iffirma fuq il-kuntrat tal-vetturi. **L-attur xhed illi huwa kien responsabbli u huwa kien fetah il-kawza personalment ( a fol 70).**

In kontro ezami mitlub jikkonferma l-ezistenza tal-Great Al Fatah 69 Birth Association u l-iskop taghha, l-attur xhed illi qed imexxi gruppijiet ta' zaghzagh(a fol 71) , ghajnuna socjali fis-socjeta tal-poplu Libjan izda :

***"ghadna ma ircevejna xejn minn naha tal-Gvern prezenti ta'Tripli gdida ufficjali ha nkunu cari."*** (fol 72)

l-attur ikkonferma li huwa qed jerfa' ir-responsabbilta sabiex imexxi din il-kawza.

A fol 73 saret traduzzjoni ta' dokument AAA1 u 2 : ***"Jiena Mr. Abdussalem, jiena mmexxi din il-kariga taht il-Gvern gdid tal-Libja, naturalment..." "... biex jergghu***

***dawk il-flus li kienu barra fi zmien Gaddafi, jien bahal karigu napplika dawk il-flus li kienu barra li jridu jergghu minn pajjizi madwar id-dinja lura Tripoli. Jiena bhala karigu responsabbli".***

L-attur xhed illi meta huwa hallas ghal konsenja tal-karozzi ma kienx jaf bid-difetti taghhom. L-attur jallega illi meta mar ic-Cina, sab illi kienu saru tlett ittri foloz da parti ta' BH International.

Illi bejn Marzu u April huwa kiteb lill-intimati, pero ma kellux kopja ta' din l-ittra. Mitlub jghid kemm–il darba in-**National Congress Withdrawal Comittee** tal-Libja spiccax mal-Gvern il-gdid, l-attur jghid li dan il-kumitat kien ghadu jezisti. Gew ezebiti permezz ta' nota Dok Z u Z1 ( fol 81 sa 84) . Mitlub jikkonferma id-data tad-dokument (a fol 82) u cioe 12 ta' Novembru 2011, jghid illi hemm zball u data kellha tkun 11 ta' Novembru 2011 (Dok Z).

Mix-xhieda ta' Maria Baldacchino, *second secretary fil-protocol and consular services directoral* fi hdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin a fol 97, jirrizulta illi ghaddiet id-dokumentazzjoni kolha lill-Ambaxxata Libjana li talbu aktar zmien ghal verifiki.

A fol 98 u 99 Maria Baldacchino **ikkonfermat li l-procedura hi li l-Ambaxxati tal-pajjizi jghaddu dokumenti lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u huma bhala impjegati tal-Ministeru jghadduhom lill-Awtorita' koncernata.** Baldacchino pero ma setghatx tikkonferma dak id-dokument ezebit minn James Farrugia (Dok. JF1) ghaliex ma kienitx hi li rcevitu.

Adel Ashur ta' nazzjonalita' Libjana, a fol 101 prodott minn BH International Limited xhed illi huwa kien ilu jahdem mal-kumpanijja intimata fil-Libja ghal dawn l-ahhar ghoxrin (20) sena. Huwa ikkonferma li BH International bdew jikkonsenjaw karozzi lill-assoccjazzjoni attrici mis-sena 2006. L-ewwel konsenja kienet ta' madwar elf (1,000) karozza, u l-assoccjazzjoni kienet kuntenta b'dan in-negozju. Illi it-tieni negozju kien jikkoncerna tender ta' sittax-il elf (16,000) karozza. Is-socjeta' intimata iffirmat il-

kuntratt fl-20 t'Awwissu 2008, u l-ewwel konsenja ta' elf seba' mija u hamsin (1,750) karozza, wasslet f'Jannar tas-sena 2009. It-tieni konsenja wasslet fi Frar ta' 2009 waqt li it-tielet konsenja wasslet f'Marzu 2009. L-assoccjazzjoni attrici kellha hmistax (15) –il gurnata wara kull konsenja sabiex taghmel inspezzjoni tal-karozzi. Dawn it-tlett konsenji total ta' hamest elef mitejn u hamsin karozza (5,250)gew accetti mill-assoccjazzjoni u f'ebda stadju ma ressaq xi lment jew oggezzjoni ghal kwalita' tal-karozzi jew xi difett fihom, meta l-attur kellu l-poter u l-istatus legali fil-Libja taht ir-regim antik halli jaghmel dan (vide fol 104).

Infatti wara Marzu 2009, is-socjeta' intimata baqghet f'komunikazzjoni mal-assoccjazzjoni attrici sabiex jitkompla il-konsenja tal- karozzi rimantenti, u fis-17 ta' Gunju 2009 l-assoccjazzjoni attrici ikkomunikat mas-socjeta' intimata fis-sens li ma setghux jaccettaw il-konsenja tal-karozzi rimanenti skond il-prezz mifthiem **minhabba l-krizi finanzjarja internazzjonali tad-dinja u talbu li jerghu jinnegozjaw prezz gdid.** Ashur baqa' jsostni li qatt ma kellhom l-icken problema mal-attur jew mal-assoccjazzjoni tieghu sakemm skopjat ir-revoluzzjoni u waqa' ir-regim antik. Illi kien biss **f'Lulju tas-sena 2012** illi bdew jissemmew il-qisien tal-wisgha' tat-*tyres* tal-karozzi. Ashur semma illi kienet il-fabrika fic-Cina illi ghazlet it-tghammir tal-karozzi b'*tyres* ta' hmistax (15) –il pulzier ghaliex il-mudelli ta' dik it-tip ta' karozza hargu b'dawk it-*tyres*. L-attur jew l-assoccjazzjoni ma ha l-ebda pass legali fil-Libja u lanqas ma kitbet lill-Ashur fil-Libja. Illi wara l-waqa' tar-regim ta' Gaddafi, l-attur jew l-assoccjazzjoni tieghu qatt ma kitbulu f'isem u ghan-nom tal-Gvern il-Gdid tal-Libja (fol 108 u 109). Ashur xhed illi huma ipprovaw ibaxxu l-prezz tal-karozzi u rnexxielhom ibaxxuh b'hamsa fil- mija (5%), u **fil-fatt fis-6 ta' Lulju 2009 bil-prezz gdid l-attur u l-assocjazzjoni tieghu ikkonferma illi ried il-konsenja tal-karozzi bil-prezz ridott ta' hamsa fil- mija (5%)**.Ashur xhed illi l-attur u l-assoccjazzjoni f'ebda mument, waqt illi kien ghadu vigenti il-Gvern ta' Gaddafi ma tarfuh bl-icken problema dwar l-*ispecifications* tal-karozzi li xtaqu jimportaw.

**Ashur xhed illi in segwitu tal-waqgha tal-Gvern ta' Gaddafi kull assoccjazzjoni ta' dak il-Gvern sfaxxat u fil-fatt l-attur harab ghad-direttura mill-Libja u bhalissa huwa mfittex mill-Gvern il-gdid tal-Libja.** Din l-informazzjoni **kisibha huwa stess mill-Ministeru tal-Intern fil-Libja** u fil-fatt irregistra rapport kontra l-istess attur. Ashur xhed illi l-attur ma rifisx iktar fil-Libja u bhalissa jghix f'Dubai. Ashur innega illi huwa ltaqa' mal-attur flimkien ma Charo Briffa fil-*hotel* Hilton. Ashur xhed illi l-attur qallu personalment illi kellu il-problemi, kien imfittex mill-Gvern il-gdid tal-Libja, li ma setghax jirritorna lura Libja u li kellu bzonn il-flus. Ashur xhed a fol 113 illi ma kienx f'pozizzjoni li jtih il-flus u dan ghaliex li hu kien jemmen fir-rivoluzzjoni u fil-Gvern il-Gdid tal-Libja.

Wara il-laqgha mieghu, l-attur iltaqa' ukoll ma Charlo Briffa. Ashur xhed illi huwa kellu l-familja tieghu tghix il-Libja u kellu proprjeta il-Libja, u kieku kien veru illi l-attur igawdi is-sostenn tal-Gvern Libjan il-Gdid, kien jipprocedi legalment kontra tieghu fil-Libja. Ashur xhed illi l-attur xandar fuq l-internet illi huwa "(Ashur) seraq sitta u sittin mijun Ewro (66,000,000)" Dan kellu efett gravi fuq ir-reputazzjoni tieghu bhala negozjant fiz-zewg pajjizi. Apparti dana kollu, il-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru ta' l'fuq minn tlieta u sittin miljun Ewro (63,000,000) kontrih u l-kumpanijja tieghu, kellu konsegwenzi gravi hafna.Ashur xhed li l-attur fil-fatt qallu li ser jiddistruggih ( a fol 115).

Ashur a fol 117 baqa' jishaq il l-attur qatt ma informah li l-karozzi li taghhom accetta il-konsenji ma kienux "*up to specifications*". Mitlub jikkonferma DOK AA8, Ashur xhed illi id-dokument hareg minn fabbrika u kumpanija li l-intiamti ma jafhux u li qatt ma nnegozjaw maghha. Ashur ikkonferma ukoll illi l-ittra Dok AA8, lanqas biss ma qedgha fuq *letter head* tal-kumpanijja Ciniza (vide fol 201). Ashur ikkonferma li ma kien ebda problema biex l-attur izomm inspezzjoni fuq il-karozzi konsenjati, u li l-attur kien innomina zewg kumpanijji Nile Inspection u Sun International Inspection Company sabiex jaghmlu dan, u gew ezebiti Dok AZ5 (fol 90) u AZ6 (fol 92)cioe ir-rapporti ta' dawn il-kumpanijji. Ashur (fol 120- 121 ) xhed illi l-attur ma kienx eziga ghall-*certificate of origin* tal-karozzi, u

wara illi huma kienu esportaw il-karozzi, l-attur kien talabhom jaghmlu emenda fil-*letter of credit* sabiex jesigi illi jkun hemm inspezzjoni minn *inspection company*. Sikkome illi l-karozzi kienu gia  esportati, is-socjeta' intimata, waqt illi irrifjutat (ghaliex ma setghatx taghmel mod iehor) din l-amenda tal-*letter of credit,* akkordat hmistax (15) –il gurnata zmien sabiex il-karozzi jigu spezzjonati hekk kif jasslu fil-Port ta' Tripoli . Skond il-*Bill of Lading*, BH International esportat il-karozzi lejn Tripoli pero minhabba kongezzjoni fil-Port ta' Tripoli, l-awtorita' tal-Port ta' Tripoli ordnaw il-vapur jiskariga fil-Port ta' Meserata u ta' Benghazi.  Ashur jinnega illi qatt rcieva dokumenti AA6 u AA6b . Mitlub mill-Qorti jghati l-prova illi l-ittra AA6 u AA6b fil-fatt inbghatu lill-intimati, l-avukat difensur tal-attur **jghid illi kellu din il-prova pero l-klijenti tieghu kien msiefer**. Ashur ikkonferma li BH International m'ghandhiex proprjeta immobbli f'Malta. Ashur ikkonferma illi huwa m'ghandux konnessjoni mal-kumpanijja li tidher f'dokument AAA (fol 151) .  Ir-rapport tal-ispezzjoni tal-karozzi maghmul minn Nile Inspection Company ma sabet ebda irregolarita' fil-karozzi u ikkonfermat li l-karozzi kienu skond l-istantards internazzjonali.

Mill-affidavit tal-attur (Dokument AA a fol 146 et seq), l-attur xhed illi huwa gie mahtur Segretarju Generali tal-Great Al Fatih 69 Birth Association fis-sena 2006 .  Din l-assoccjazzjoni kellha l-ghan li zghazagh Libjani jinghataw certi vantaggi, bhal hlas ta' ricevimenti , hlas ta' karozzi u proprjetajiet bi prezzijiet irhas.  L-attur sostna li din l-assoccjazzjoni ghadha ezistenti, li huwa kellu l-awtorizzazzjoni tal-Kungress Nazzjonali, u li dan il-Kungress baghat struzzjonijiet lill-Ambaxxata sabiex din tinforma lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin Maltin.   L-attur xhed li Adel Ashur, tramite il-kumpanijja BH International Limited, kien l-agent fil-Libja tal-kumpanijja Ciniza ZX Auto Vehicles.  Ikkonferma illi l-ewwel ordni ta' elf (1,000) karozza ghaddiet bla problemi.  Fl-20 t'Awissu 2008 sar it-tieni negozju  ghal-importazzjoni ta' sittax-il elf (16,000) vettura tat-tip Grand Highland 4G64 skond l-*specifications* li jidhru f'dokument AA1. L-attur xhed illi l-ewwel konsenja ta' elf seba' mija u hamsin (1750) vettura wasslu fi Frar

2009 u l-hlas gie rilaxxat skond il-ftehim tal-*letter of credit*. Al Waha Bank kien irrilaxxa 69,825,000 US Dollars fi tlett pagamenti mal-wassla tal-karozzi fuq il-vapuri. Il-pagament sar minn Al Waha Bank (vide Dok.AA2, u statement tal-kont tal-assoccjazzjoni Dok AA3) L-attur xhed illi l-vetturi wasslu fil-Port ta' Miserata minflok fil-Port ta' Tripoli. Huwa stqar illi BH Internation irrifjutat tohrog inspection certificate fuq il-vetturi ( Dok AA4), u li hu kiteb lill-bank (Dok AA4b) illi dan ma kien accetabbli. Illi sussegwentement wara indagni mal-espert independenti fuq il-vetturi, dan l-espert baghatlu rapport datat 21t'April 2010 fejn sostna li l-vetturi ma kienux skond l-*specifications;* kellhom hsarat ammontanti ghal 2,706,100 Dinar (Dok AA5); li kien hemm 3,501 u mhux 5,250 –il vettura u li l-magni tal-vetturi kienu 2.2 *litres* u mhux 2.4 . L-attur jghid li kif ra dan ir-rapport "ma stajtx naccetta dawn il- vetturi" vide fol 149. Ghaldaqstant informa lis-socjeta' intimata bl-itttra Dok AA6 u AA6b b'danakollu. Wara dan, kien iddecieda li jmur fil-kumpanijja Ciniza biex jindaga. L-*Managers* ta' din il-kumpanijja Ciniza qalulu li Ashur kien biddel l-*specifications* tal-vetturi ordnati u li gew mitluba johorgu ittra falza li l-vetturi konsenjati kienu skond l-*specifications* fil-kuntratt (Dok AA7) Huwa ezebixxa DOk AA8 li taghti l-*specifications* taz-zewg vetturi li l-kumpanijja Ciniza timmanifattura. Gew ezebiti zewg cds AA9 u AA10 illi turi il-laqgha fil-fabbrika tac-Cinizi. L-attur xhed illi socjeta' intimata ma onoratx l-artiklu 4 u 6 tal-kuntratt, u li l-assoccjazzjoni tilfet profit ta' 8,000,000 Dinar vide fol 150. **Apparti minn dan waqt ir-revoluzzjoni il-vetturi li kienu tqieghdu fil-istadjum ta' Miserata nserqu waqt ir-revoluzzjoni.**

Angela Fenech Zammit, impjegata ma ' Malta Financial Services Authority ezebit il-*Memorandum and Articles of Association* ta' BH International u Venture Services Limited (Dok. AFZ1 a fol 139 et seq. u Dok. AFZ2).

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti ser tibda bl-analizi tal-ewwel eccezzjoni u cioe in-nullita tal-proceduri, stante li l-assoccjazzjoni attrici hija

inezistenti legalment, stante li giet xolta mal-waqa' tal-Gvern ta'Gaddafi.

**Ikkonsidrat:**

L-intimati BH Interantional, issollevaw in-nullita ta' dawn il-proceduri ghaliex isostnu illi l-assoccjazzjoni Great Alfatih (69) Birth Association, kienet assoccjazzjoni imwaqqfa mill-Gvernta' Gaddafi , u giet xolta mal-waqa' tar-regim ta' Gaddafi. In sostenn ta' dan, l-intimati u s-socjetajiet intimati, ipproducew lill James Farrugia, li ikkonferma JF1, ezebit a fol 35. **James Farrugia Assistent Direttur fil-Protocol fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ikkonferma li kien rcieva Dok.JF1 mill-konslu tal-ambaxxata Nagat Tarabelsi, li l-assoccjazzjoni attrici rapprezentata mill-attur : *"ma ghandha l-ebda legal u judicial existance, following the dowfall of the regime."* Di piu l-attur kien qieghed fuq il-*wanted list* tal-Gvern Libjan il-gdid.**

L-attur, biex jikkontradici din l-allegazzjoni, ha l-pedana tax-xhieda. Fix-xhieda viva voce tieghu, l-attur b'mod mill-aktar konfuz u wara diversi domandi ripetuti , ma setghax jaghti l-kariga specifika tieghu taht il-Gvern ta'Gaddafi u, bl-aktar mod vag xhed illi kien responsabbli ghall-"xi haga" fl-ekonomija u "xi finanzi", u li kellu "inkarigu biex imexxi iz-zaghzagh". Imghad ghadda biex ikkonferma li iffirma il-kuntratti dwar l-importazzjoni dwar il-karozzi t'Awissu 2008 u 2009. Mitlub ripetutament sabiex jikkonferma l-ezistenza tal-assoccjazzjoni attrici u l-kariga kontinwa tieghu f'tali assoccjazzjoni, jammetti a fol 72: ***"ghadna ma ircevejna xejn minn naha tal-Gvern prezenti ta'Tripli gdida ufficjali ha nkunu cari."*** ,**izda fl-istess hin, ikkonferma li huwa qed jerfa' r-responsabbilta sabiex imexxi din il-kawza.**

Illi dan l-istat ta' fatt jikonfliggi b'mod zgaccjanti ghall-Dok AA1 u AA2 jew jikkonferma illi jmexxi din il-kariga taht il-Gvern Gdid tal-Libja, b'awtorizzazzjoni illi jara li l-flus f'pajizi esteri jergghu jigu lura lejn il-Libja.

Illi di piu minkejja illi x-xhieda tal-attur viva voce quddiem din il-Qorti kienet wahda kwasi inkoerenti, **l-affidavit tieghu juri trasformazzjoni ta' hsieb rakkolt immens**. Dak pero l-aktar li jhasseb din il-Qorti,hu il-kwalita' ta' dokumentazzjoni illi giet ezebita mill-attur. Dan qieghed jinghad il-ghaliex id-dokumentazzjoni ezebita, fil-maggor parti taghha tikkonsisti fi *scanned copies* minn *computers* , li mhumiex awtentikati kif trid il-ligi. Il-Qorti taghraf illi meta si tratta ta' entita' governattiva u raprezentanza taghha, huwa haga minn l-aktar facli illi l-Gvern Esteru, tramite id-*diplomatic channels,* jaghti konferma spedita lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta.

Din il-Qorti di sua sponte, ordnat illi d-diversi dokumentazzjoni illi gew ezebiti mill-attur, jintbghatu lill-Konslu tal-Libja ghall-Malta ghall-konferma tal-veracita' u awtenticita' taghhom. Fil-kaz in ezami kif jidher mid-digriet ta' din il-Qorti tas-26 ta' Novembru 2012, il-Konslu tal-Libja ghall-Malta ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri ai termini ta', Artikolu 31(2) tal-Kap.191 li jinkorpora il-Konvenzjoni ta' Vienna dwar l-Immunitajiet u l-Privileġġi Diplomatiċi .

Dawn id-dokumenti gew ritornati lill-Qorti, b'intimazzjoni illi ser jigu ezaminati mill-Ambaxxata Libjana. Din l-informazzjoni sal-mument li inghatat di id-decizzjoni u cioe sitt xhur wara, baqghet ma gietx trasmessa.

Illi din il-Qorti mbaghad akkordat lill-attur diversi differimenti sabiex jipprezenta id-dokumentazzjoni skond il-ligi biex jirribatti iz-zewg eccezzjonijiet preliminari. Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-prova ma saritx b'mod illi tikkonvinci lil din il-Qorti sac-certezza morali jew fuq bilanc ta' probabilita':

1. Illi l-assoccjazzjoni attrici fil-fatt ghadha tezisti;
2. Li l-attur ghadhu jokupa il-kariga prominenti fl-istess assoccjazzjoni tali li ghandu rapprezentanza guridika taghha; u
3. Li ghandu l-fiat tal-Gvern Libjan il-gdid biex imexxi din il-kawza.

U dana minkejja illi, wara l-ahhar terminu moghti min din il-Qorti lill-attur biex jressaq il-provi dwar l-ewwel eccezzjonijiet preliminari , din il-Qorti**, regghet accettat aktar "dokumentazzjoni", mill-attur.**

Dan qieghed jinghad il-ghaliex kif jinghad aktar 'l fuq, il-kwalita' ta'dokumentazzjoni ezebita mill-attur hija wahda illi, **minnha infisha** u anke **b'ezami superficjali jew *prima facie* tqajjem suspetti gravi ta' falsifikazzjoni u tbaghbis ta' dokumenti.** Hekk perezempju fuq id-dokument illi jaghti wiehed x'jifhem illi huwa l-original **li jinstab a fol 83 d-data fuq dan id-dokument huwa tat-12 ta' Novembru 2011. Jidher bic-car illi data hija *hand written* u mhux ittapjata bhal kumplament tad-dokument. It-traduzzjonita' dan l-istess dokumnet li jinstab a fol 82, <u>pero ggib id-data tal-11 ta' Novembru 2012.</u>**

Illi in oltre kif jidher mill-ahhar dokumenti ezebiti u cioe Dok Z u ZI , a fol 229 u 230 jidher illi dokument Gharbi **gie ccertifikat fil-11 t'April 2013 gewwa Tripoli ,** waqt **illi traduzzjoni tieghu minn ditta Africon Malta Limited giet mwettqa u *apostilled* fl-10 t'April 2013**.

Di piu meta wiehed imbaghad jara l-kontenut tad-dokumenti u l-izbalji gravi ta' ortografija u ta' *syntax* , wiehed aktar ikollu ghalxiex ikun preokkupat.

Illi di piu ix-xhieda mill-fabbrika tal-karozzi Ciniza qatt ma iddiponew kif mistenni li jaghmlu u minkejja, li fil-25 ta' Marzu 2013 l-Avukat difensur tal-attur informa lill-Qorti li dawn ma nizlux Malta ghaliex gew mheddha u bezghu, ebda rapport lill-Pulizija fuq din l-allegat theddida ma giet registrata sa dak il-mument.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-uniku xhieda illi tista' tistrieh fuqha hija dik ta' James Farrugia , li ezebixxa Dok JF1 u Maria Baldacchino li xhedet dwar il-prova tad-

dokumentazzjoni bejn Gvernijiet tramite *diplomatic channels*.

Huwa principju bazilari illi minn jallega irid jipprova (vide **“Frank Giordamiana Medici et vs William Rizzo**” et deciza fit-**28 t’April 2004** per **Onor. Imh Dr. N. Cuschieri** )

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti hi tal-fehma illi l-attur in rapprezentanza tal-assoccjazzjoni attrici ma lahaqx il-livell probatorju li trid il-ligi fil-kamp civili, u cioe’ dik ic-certezza morali jew il-livell probatorju ta’ bilanc ta’ probabilita’ illi l-assoccjazzjoni attrici ghadha in ezistenza u li l-attur ghandu ir-rapprezentazzjoni guridika taghha u l-awtorazzazzjoni tal-Gvern Libjan gdid biex imexxi dawn il-proceduri. Illi ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u tilliberhom mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi in vista ta’ dan kollu ma tarax il-htiega illi ghandha tithol ghal-ezami tat-tieni eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati, u tirriserva li tibaghat id-dokumentazzjoni kollha prodotta mill-attur tintbghat lill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-iskrutinju tieghu.

Bi spejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------